**20 ta' Lulju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Dr. Alfred Mifsud

*versus*

Onor. Prim Ministru u għall-interess li jista' jkollhom Rosario Magri u John Mallia

**Soprasessjoni – Rikuża**

*Ir-rikorrent kien irrikuża l-Imħallfin sedenti fil-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża tiegħu, u meta dik ir-rikuża ġiet miċħuda pproċeda fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ksur tad-drittijiet fundamentali u talab is-soprasessjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni.*

Il-Qorti: –

1. Fil-mori ta' dan l-appell mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju,

1993, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ir-rikorrent appellat irrikuża lill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef u lis-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Imħallef Dr. Carmel Agius;

2. Dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda b'deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-2 ta' Ġunju, 1994;

3. Fis-6 ta' Ġunju, 1994, l-istess appellat ippreżenta rikors li jgħid testwalment:

"... l-esponent ikkontesta din iċ-ċaħda ta' rikusazzjoni bi proċedura li huwa istitwixxa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) b'rikors fl-istess ismijiet, liema proċeduri għadhom pendenti;

Għaldaqstant, l-esponenti unikament jitlob li din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tissoprassjedi sakemm din il-vertenza preliminari tiġi determinata mill-qorti proprja";

4. Is-soprasessjoni hija, minnha nfisha, miżura eċċezzjonalissima għaliex tiffrena l-andament normali ta' kawża b'mod billi twaqqaf għalhekk dik l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex kull kawża tinqata' fi żmien raġonevoli. Dan il-prinċipju huwa fil-liġi, trasmess lill-ġudikant speċifikament fl-artikoli 195, 211 u 212 Kap. 12 u b'mod ġenerali mbagħad, b'dawk l-artikoli kollha, li fl-istess Kodiċi ta' Proċedura, jirregolaw it-trattazzjoni tal-kawżi;

L-art. 195 huwa l-aktar wieħed li huwa inċiżiv:

(1) Kawża appuntata għas-smigħ, **għandha tibqa' sejra tiġi ttrattata sa l-aħħar**;

(2) Xejn f'dan l-artikolu ma jżomm il-qorti milli tiddeċidi kawża fil-ġurnata msemmija fiċ-ċitazzjoni meta l-konvenut ma jopponix it-talba, inkella meta l-qorti hija sodisfatta li l-attur m'għandu ebda jedd jew il-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni tajba x'jagħti;

(3) Id-differiment ta' kawża ma jingħatax ħlief biex titħares xi proċedura stabbilita f'dan il-Kodiċi jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu;

(4) **Kawża tista' tiġi ddiferita f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li dawk iċ-ċirkostanzi jkunu jeżistu** u hekk tiddikjara fid-digriet li bih tordna d-differiment u fejn tispeċifika dawk iċ-ċirkostanzi, u biss fuq rikors ippreżentat mill-parti li titlob id-differiment mhux iktar tard minn jumejn tax-xogħol qabel id-data li fiha l-kawża tkun għas-smigħ jew, jekk ir-raġuni tad-differiment tinqala' wara li jgħaddi l-imsemmi żmien **kemm jista' jkun malajr wara**; u r-rikors għandu jispeċifika bid-dettal iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw it-talba u għandu jiġi kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent...";

Huwa utili li jiġi nnutat li jekk il-liġi tikkunsidra d-differiment tat-trattazzjoni sħiħa tal-kawża bħala konċessjoni eċċezzjonali għar-regola ġenerali tas-smigħ sħiħ mill-bidu sat-tmiem – sabiex tassigura l-amministrazzjoni tal-ġustizzja proċedurali – *multo magis* – għandha titqies eċċezzjonalissima ċ-ċirkostanza li tiġġustifika li l-kawża tieqaf kompletament sakemm isir xi ħaġa f'qorti oħra barra mill-kontroll u ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti;

Fil-każ preżenti din iċ-ċirkostanza eċċezzjonalissima ma

teżistix;

Huwa manifest illi (a) fis-sistema tagħna, id-digriet ta' estensjoni jew rikusazzjoni ta' Imħallef mogħti f'Qorti ta' l-ewwel grad, ma hemmx id-dritt ta' appell – art. 738(1) Kap. 12;

Issa dak li qed jipprova jimpunja r-rikorrent bir-rikors li allegatament huwa ppreżenta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – huwa proprju digriet ta' din il-Qorti Kostituzzjonali bħala Qorti ta' appell fi proċedura skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni – liema digriet fuq ir-rikusazzjoni taż-żewġ imħallfin ta' din il-Qorti ngħata mill-istess Qorti kolleġjali skond l-art. 738(2) Kap. 12. Dak li qed jippretendi r-rikorrent jammonta difatti għal appell quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mid-digriet ta' din il-Qorti Kostituzzjonali. Dan huwa kontro-sens proċedurali li jistultifika s-sistema organizzattiva kollha kemm hi tal-Qrati Tagħna – **għaliex naturalment il-pretensjoni tar-rikorrent testendi għall-kawżi kollha li jaslu quddiem il-Qorti ta' l-Appell – fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha**, fejn wara kull digriet ta' ċaħda ta' rikuża ta' xi imħallef – kull wieħed mill-partijiet, bil-pretiża li sofra xi vjolazzjoni tal-prinċipju ta' trattazzjoni xierqa tal-kawża, jirrikorri fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għar-"rimedju";

Dan kjarament huwa profondament inġust għaliex **jistultifika s-sistema ġudizzjarja kollha kemm hi**, jaqleb l-ordni ġerarkiku tal-qrati ta' taħt fuq, kif jgħidu l-Ingliżi "*turning the system on its head*", bir-riżultat li tinħoloq dik **id-disordni** fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja li hija proprju l-antitesi ta' kull prinċipju mhux biss tal-ġustizzja fil-konnotat majestuż ta' dik il-virtù vitali għas-soċjetà imma anki ta' kull sempliċi regola tad-Dritt;

Għalhekk it-talba għas-soprasessjoni ma tistax tiġi milqugħa u l-kawża hija ddiferita għat-trattazzjoni sħiħa għal nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru, 1994, mill-12.00 a.m.;

Spejjeż għall-appellat.